MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2013

Numru. 186/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Andre Delicata ta’ 34 sena, iben Gustav u Angela nee Gauci, imwieled Pieta, fit-3 ta’ Dicembru 1977, u residenti ‘Zuriel’, Flat 7, The Penthouse, Triq l-Imghazel , Swieqi, numru tal-Karta tal-Identita 24078(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli nhar il-14 ta’ Dicembru 2011, ghall-habta ta’ 23.45 ta’ filghaxija u fiz-zminijiet qabel waqt likien qieghed fi Triq il-Labour, Naxxar u f’dawn il-Gzejjer:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna/i, minghajr ma kellu licenza tal-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tan-1939, ghal kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew min xi awtorita moghtija mil-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma ien fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruq mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellux licenza jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 291/1939), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta’Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga ‘msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu 2 tas-subartikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101)

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara b’referenza ghall-ewwel akkuza illi dan kien kaz ta’ trafficking by

sharing u kwindi japplika l-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet llill-imputat jammetti l-akkuzi fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess. ;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat ghandu hajja stabbli.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 8(a), 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) u l-proviso ghall-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' Section 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati li huwa jista' jibbenefika minn dak dispost fl-artikolu 22(9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dabra biss.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska ta' Dok BS5 u d-distruzzjoni ta' Dok BS4.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------